

III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/2/2009

tal-21 ta' April 2009

dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi minn Stati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2009/356/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja⁽¹⁾ (Atalanta), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tagħha dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi,

Billi:

- (1) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE laqqa' l-Konferenzi dwar il-Ħolqien u l-Forniment ta' Forzi fis-17 ta' Novembru 2008, is-16 ta' Diċembru 2008 u d-19 ta' Marzu 2009.
- (2) Wara r-rakkomandazzjonijiet dwar kontribut min-Norveġja mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u mill-Kumitat Militari tal-UE (EUMC), il-kontribut min-Norveġja għandu jiġi aċċettat.
- (3) Konformement mal-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità

Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kontributi ta' Stati Terzi

Wara l-Konferenzi dwar il-Ħolqien u l-Forniment ta' Forzi, il-kontribut min-Norveġja huwa b'dan aċċettat għall-operazzjoni militari tal-UE bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' April 2009.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

I. ŠRÁMEK

⁽¹⁾ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.